



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

Brussel, 2 ta' Mejju 2007

7224/1/07

REV 1

CONCL 1

NOTA TA' TIFSIR

minn: Presidenza

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: **KUNSILL EWROPEW TA' BRUSSEL
8/9 TA' MARZU 2007**

KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA

Id-Delgazzjonijiet isibu mehmuża l-verżjoni riveduta tal-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussel (8/9 ta' Marzu 2007).

Il-laqgħa kienet preċeduta minn spjegazzjoni mogħtija mill-President il-ġdid tal-Parlament Ewropew, is-Sur Hans-Gert Pötering, segwita minn skambju ta' fehmiet.

o
o o

L-Ewropa - nirnexxu flimkien:

Attwalment l-Ewropa qed tgawdi minn xejra ekonomika pożittiva u r-riformi qed jibdwu jitttrasformaw ruħhom fi tkabbir u impjiegi. Dawn l-iżviluppi pożittivi għandhom jintużaw biex jitħaffew il-pass għall-immodernizzar ta' l-Ewropa u l-ekonomija tagħha, li għalhekk jgħin lill-UE tikseb livelli ogħla ta' prosperità, aktar ħolqien ta' impjiegi u koeżjoni soċjali akbar. L-Unjoni hija determinata li tagħti forma lill-politika interna u esterna tagħha f'konformità mal-valuri tagħha f'dinja globalizzata għall-benefiċċju taċ-ċittadini ta' l-Unjoni.

B'bini fuq il-progress sinifikattiv fl-implimentazzjoni ta' l-għanijiet ta' l-Istrateġija ta' Lisbona mġedda għat-Tkabbir u l-Impjiegi sa issa u sabiex ikunu ffaċċjati l-aktar sfidi pressanti, il-Kunsill Ewropew isejjaħ lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet ta' l-UE biex isegwu azzjonijiet biex:

- isaħħu s-suq intern u l-kompetittività, jgħolqu kondizzjonijiet ta' qafas aħjar għall-innovazzjoni u investiment akbar fir-riċerka u l-iżvilupp, isaħħu l-kwalità ta' l-impjiegi u jtejbu l-koeżjoni soċjali,
- isaħħu l-aġenda tar-regolamentazzjoni aħjar biex jgħolqu ambjent tan-negozju aktar dinamiku,
- jiżviluppaw politika integrata sostenibbli Ewropea dwar il-klima u l-enerġija.

I. L-Istrateġija ta' Lisbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi

1. L-Istrateġija ta' Lisbona mġedda għat-Tkabbir u l-Impjiegi qed tibda tagħti r-risultati. Qed tikkontribwixxi għall-bidla pożittiva ekonomika favorevoli, kif jagħtu eżempju l-previżjonijiet ekonomiċi preżenti: rata ta' tkabbir mistennija ta' 2,7 % fl-2007 u żviluppi pożittivi mistennija fuq is-swieq tax-xogħol b'seba' miljun impjieg ġdid maħluqa matul il-perijodu 2007/2008, li jwassal għal żieda potenzjali fir-rata ta' l-impjieg minn ftit inqas minn 64 % fl-2005 għal kważi 66 % sa l-2008 u rata tal-qgħad dejjem tonqos. L-iżviluppi pożittivi fis-settur ekonomiku, f'dak ta' l-impjiegi u f'dak soċjali jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku.
2. Sar bidu promettenti fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' Riforma Nazzjonali ta' l-Istati Membri u tal-Programm Komunitarju ta' Lisbona ppreżentati fil-ħarifa 2005. Kif enfasizzat fir-rapport annwali ta' progress tal-Kummissjoni għall-2007, l-Istati Membri qed jagħmlu sforzi reali biex imexxu 'l quddiem ir-riformi, għalkemm il-prestazzjoni tvarja skond l-Istat Membru u l-oqsma ta' politika koperti. Il-politika dwar il-koeżjoni tikkontribwixxi wkoll għall-kisba tal-għanijiet ta' Lisbona.
3. L-Istati Membri huma determinati li jieħdu vantaġġ sħiħ mis-sitwazzjoni ekonomika ġenerali li qed titjeb sabiex isaħħu l-momentum għar-riformi u għalhekk itejbu aktar il-pożizzjoni kompettiva globali ta' l-Ewropa. Sabiex dawn l-isforzi jingħataw spinta l-Kunsill Ewropew jendorsja rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż għal-linji politiċi ekonomiċi u dawk dwar l-impjiegi għall-Istati Membri u ż-żona ta' l-Euro, li l-Istati Membri tagħha għandhom jiżguraw koordinazzjoni effettiva tal-politika. Biex jippermetti li jitħejja ċ-ċiklu ta' tliet snin li jmiss ta' l-Istrateġija ta' Lisbona mġedda, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport interim fil-Ħarifa 2007 fid-dawl tal-proposta tagħha għal Linji Gwida Integrati għat-Tkabbir u l-Impjiegi (2008-2011). Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Istati Membri li jippreżentaw fil-ħin ir-rapporti nazzjonali tagħhom dwar l-implimentazzjoni tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma.

4. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza s-sinifikat ta' l-iskambju ta' l-aħjar prattika fil-kuntest tas-sorveljanza multilaterali u jsejjaħ għal kooperazzjoni akbar bejn il-koordinaturi ta' Lisbona. Huwa jikkonferma l-importanza ta' sens akbar ta' appartenenza mis-soċjetà ċivili, l-imsieħba soċjali, ir-reġjuni u l-awtoritajiet lokali, li huma kollha elementi ċentrali fil-kisba ta' l-oġġettivi ta' l-Istrateġija. F'dan il-kuntest għandhom isiru aktar sforzi partikolari sabiex titjieb il-komunikazzjoni. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-konklużjoni tas-Summit Soċjali Tripartitiku tat-8 ta' Marzu 2007 dwar ir-rwol ċentrali ta' l-imsieħba soċjali u l-ħtieġa tal-kontribuzzjoni kontinwa u attiva tagħhom lejn l-oġġettivi ta' Lisbona.

Politika finanzjarja u ekonomika orjentata lejn it-tkabbir u l-istabbiltà

5. Linji politiċi fiskali sodi u bilanċjati sew li jiksbu b'mod partikolari l-oġġettivi baġitarji għall-perijodu medju ta' l-Istati Membri u riformi strutturali ulterjuri huma meħtieġa biex ikun żgurat is-suċċess għall-perijodu fit-tul ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja Ewropea u ta' l-ekonomija ta' l-Ewropa bħala ħaġa waħda.
6. L-Istati Membri ser ikomplu bl-isforzi tagħhom biex isegwu riformi strutturali u biex jikkonsolidaw aktar il-baġits pubbliċi tagħhom f'konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir rivedut. Is-sostenibbiltà għall-perijodu fit-tul tal-finanzi pubbliċi għandha tkun salvagwardjata permezz tar-riforma ulterjuri tas-sistemi tal-pensjonijiet u tal-kura tas-saħħa, it-tnaqqis tad-dejn pubbliku u ż-żieda kemm tar-rati ta' l-impjiegi kif ukoll tal-produttività. Il-kwalità tal-finanzi pubbliċi jeħtieġ li tiġi mtejbja billi tizzied l-effiċjenza u l-effettività ta' l-infiq, billi tiġi ristrutturata n-nefqa pubblika b'appoġġ għal miżuri li jippromwovu l-produttività u l-innovazzjoni u billi jiġi msaħħaħ il-kapital uman bil-ħsieb li jizzied il-potenzjal ta' tkabbir għall-perijodu fit-tul ta' l-ekonomija.

It-tisħiħ tas-Suq Intern u tal-kompetittività ta' l-Ewropa

7. Suq Intern li jaħdem sew jibqa' fil-qalba ta' l-Aġenda ta' Lisbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi. Fid-dawl ta' l-isfidi u l-opportunitajiet tal-globalizzazzjoni, il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza li jittejjeb ulterjorment il-funzjonament tas-Suq Intern sabiex ikun hemm reazzjoni għar-realtajiet ekonomiċi ġodda. Il-Kunsill Ewropew ifakkar l-importanza li tissaħħaħ aktar il-kunfidenza tal-konsumaturi u tan-negozji fis-Suq Intern. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-viżjoni tas-suq uniku indikata mill-Kummissjoni fir-rapport interim tagħha u jistieden lill-Kummissjoni tissottometti reviżjoni ambizzjuża u komprensiva tas-Suq Uniku kemm jista' jkun kmieni fit-tieni nofs ta' l-2007. Huwa jitlob lill-Kunsill jipproċedi bl-eżami tagħha mingħajr dewmien. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-istimulazzjoni tal-potenzjal ta' l-SMEs, inklużi fis-settur kulturali u kreattiv, bil-ħsieb tar-rwol tagħhom bħala promoturi tat-tkabbir, il-ħolqien ta' l-impjiegi u l-innovazzjoni.
8. It-tisħiħ ta' l-erba' libertajiet tas-Suq Intern jirrinforza l-kompetittività internazzjonali ta' l-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza ta' l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex jingħata impetu għid lis-suq intern għall-merkanzija billi jiġi msaħħaħ ir-rikonnoxximent reċiproku u billi jittejjeb il-funzjonament taż-żona armonizzata, waqt li jkun garantit livell għoli ta' sigurtà u protezzjoni tal-konsumatur. Huwa jitlob lill-Kunsill jiddeċiedi rapidament dwar il-miżuri proposti. Id-Direttiva tas-Servizzi adottata reċentament hija għodda ewlenija biex tiftaħ il-potenzjal sħiħ tas-settur tas-servizzi Ewropew. Għandha tingħata prijetà għolja lit-traspożizzjoni totali, koerenti u fil-ħin tad-dispożizzjonijiet tagħha b'mod konsistenti. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza li suq intern kompletament funzjonanti u interkonness għall-gass u l-elettriku, l-integrazzjoni ulterjuri tas-swieq finanzjarji Ewropej, b'mod partikolari billi jitneħħew l-ostakoli għall-ħolqien ta' Żona Unika ta' Ħlas, kif ukoll il-liberalizzazzjoni ulterjuri tas-swieq postali, waqt li tiżgura l-finanzjament ta' servizz universali effiċjenti, ser ikunu passi importanti għall-kisba ta' dan l-oġġettiv. Għandu jsir kull sforz biex il-proċess legiſlattiv dwar it-tnaqqis tat-tariffi tar-roaming jiġi konkluż b'suċċess sa l-aħħar ta' l-ewwel nofs ta' l-2007.

9. Regoli ta' l-UE ċari u konsistenti huma prerekwiżit għal Suq Intern li jaħdem tajjeb bħalma huma traspożizzjoni f'waqtha, korretta u ta' kwalità għolja tal-leġislazzjoni Komunitarja u applikazzjoni u infurzar effettivi tar-regoli komuni. L-Istati Membri kisbu progress importanti lejn il-mira ta' defiċit tat-traspożizzjoni ta' 1,5%; il-Kunsill Ewropew iħeġġiġhom jagħmlu hilitom biex inaqqsu ulterjorment dan id-defiċit progressivament għal 1 % sa mhux aktar tard mill-2009, filwaqt li jenfasizza l-importanza li jiġu miftehma skadenzi adatti għat-traspożizzjoni.
10. Il-Kunsill Ewropew jikkunsidra li ż-żamma u t-tisħiħ tas-sistema ta' kummerċ multilaterali bbażata fuq id-WTO hija ta' importanza ewlenija għall-prospetti tat-tkabbir u l-impjiegi ta' l-ekonomija Ewropea kif ukoll għall-iżvilupp. Huwa jiśhaq dwar il-ħtieġa ta' ftehim ambizzjuż, bilanċjat u komprensiv dwar l-Aġenda ta' Żvilupp ta' Doha u jappella lill-imsieħba prinċipali biex jaġixxu fl-istess spirtu ta' impenn kostruttiv sabiex in-negożjati jingħalqu b'suċċess. Fl-istess ħin, b'bini fuq il-pjattaforma tad-WTO, Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bilaterali u reġjonali ma' l-imsieħba rilevanti għandhom jitmexxew 'il quddiem rapidament.
11. Bil-ħsieb tas-summit US-UE f'April 2007 l-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza tar-relazzjonijiet ekonomiċi transatlantiċi, li għandhom jissaħħu permezz tal-Partenarjat Ekonomiku Transatlantiku l-Ġdid, bit-tisħiħ ta' l-impenn ta' l-inizjattiva ekonomika mnedija fis-summit ta' l-2005. Dan ser jiffoka fuq it-titjib tal-konverġenza regolatorja f'diversi oqsma, il-koordinazzjoni ta' l-isforzi għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-qasam ta' l-enerġija u l-ambjent bil-ħsieb li tiżdied il-kompetittività internazzjonali ta' l-UE u l-Istati Uniti ta' l-Amerika.
12. Lil hinn aktar, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza tat-titjib ta' l-aċċess effettiv għas-suq għall-intrapriżi Ewropej u b'mod partikolari għal swieq emerġenti li qed jikbru partikolarment b'pass mgħaġġel. Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u l-ġlieda kontra l-iffalsifikar u l-piraterija tal-prodotti għandha tiġi mtejbja internazzjonalment. Il-Kummissjoni hija mistiedna tiegħu inizjattivi adatti biex tiżviluppa u xxerred l-istandards Ewropej aktar rapidament sabiex jiġu indirizzati d-domandi ta' swieq innovattivi u mmexxija mill-ġharfien li qed jevolvu rapidament. Huwa mistieden ukoll, flimkien ma' l-Istati Membri, biex jeżamina kif id-dixxiplina multilaterali f'rabta ma' għajnuniet statali tista' tissaħħaħ u tkun żviluppata aktar fil-kuntest tal-kompetittività esterna.

It-tisħiħ ta' l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni

13. L-Istati Membri huma determinati li jtejbju l-kondizzjonijiet kwadru għall-innovazzjoni bħaswieg kompetittivi u li jimmobilizzaw riżorsi addizzjonali għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni. Il-Kunsill Ewropew itenni l-importanza ta' l-infiq ta' 3% tal-PDG fuq ir-riċerka u l-iżvilupp sa l-2010. Huwa jenfasizza l-hteġa li tiġi ottimizzata s-sinerġija fost programmi Komunitarji, li tiġi mtejbja t-trasformazzjoni tas-sejbiet tar-riċerka fi prodotti u servizzi innovattivi u li tkun żgurata kondivizzjoni adatta ta' l-għarfien bejn l-imsieħba kollha. Huwa jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tippreżenta rakkomandazzjonijiet għal linji gwida għall-kooperazzjoni u t-trasferiment tat-teknoloġija bejn ir-riċerka pubblika u l-industrija u, bħala kwistjoni ta' priyorità, biex tagħti spinta lill-istrateġiji tagħha tad-drittijiet ta' proprjeta intellettwali (IPR) u tal-privattivi.
14. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri li jmexxu 'l quddiem l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija tal-politika dwar l-innovazzjoni. L-investment f'teknoloġiji futuri huwa kontribut essenzjali biex tkun żgurata l-kompetittività ta' l-Ewropa fi swieg pilota. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni hija mistiedna tippreżenta proposti għal Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti f'setturi magħżula ta' importanza strateġika. Hija mistiedna wkoll tippreżenta proposti għal inizjattivi bbażati fuq l-Artikolu 169 sabiex tiġi provduta parteċipazzjoni Komunitarja fi programmi ta' RŻT (Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku) imwettqa minn diversi Stati Membri bil-ħsieb fiż-żewġ każijiet li dawk l-aktar avvanzati jitniedu fl-2007. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza vitali ta' riżorsi umani eċċellenti u t-trawwim taċ-"ċirkulazzjoni ta' l-imħuħ". Huwa jenfasizza r-rwol importanti li l-Kunsill Ewropew għar-Riċerka li għadu kemm twaqqaf għandu f'dan ir-rigward.
15. L-edukazzjoni u t-taħriġ huma prerekwiżiti għal trijangolu li jiffunzjona sewwa tat-tagħrif (edukazzjoni - riċerka - innovazzjoni) u għandhom rwol ċentrali f'li jagħtu spinta lit-tkabbir u l-impjiegi. Sar progress tajjeb fl-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma "Edukazzjoni u Taħriġ 2010" matul l-aħħar 12-il xahar. L-istati Membri huma determinati li jsegwu riformi u li jimplementaw bis-sħiħ il-programm tal-ħidma, partikolarment billi jimmodernizzaw l-edukazzjoni ogħla, billi jiżguraw edukazzjoni vokazzjonali u taħriġ ta' kwalità għolja u attraenti u jimplementaw l-istrateġiji nazzjonali għat-tagħlim matul il-ħajja.

16. Il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew jikkonkludu l-eżami profond tal-proposta tal-Kummissjoni dwar Istitut Ewropew tat-Teknoloġija fl-ewwel semestru ta' l-2007 bil-ħsieb li tittieħed deċiżjoni qabel tmiem din is-sena.
17. It-teknoloġiji ambjentali u l-eko-innovazzjoni jikkontribwixxu għall-kisba ta' l-għanijiet ta' l-Istrateġija ta' Lisbona għal Tkabbir u Impjiegi, inkluża l-ġlieda kontra l-bidla fil-klima. L-Istati Membri huma determinati li jippromwovu l-eko-innovazzjonijiet permezz ta' approċċ ambizzjuż, b'vantaġġ sħiħ meħud mis-swieq mexxejja f'oqsma bħat-teknoloġiji sostenibbli u mingħajr periklu b'livell baxx fl-użu tal-karbonju, l-enerġiji rinnovabbli u l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija u r-riżorsi. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti għall-kisba ta' strateġija integrata għall-promozzjoni ta' l-eko-innovazzjoni kmieni fl-2008.

Spinta lill-impjiegi, immodernizzar u rinfurzar tal-Mudell Soċjali Ewropew

18. Fid-dawl ta' l-iżviluppi pożittivi fis-swieq tax-xogħol ta' l-Istati Membri, il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza ta' "ħidma tajba" u l-prinċipji sottostanti għaliha, jiġifieri d-drittijiet u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema, l-opportunitajiet indaqs, is-sigurtà u l-protezzjoni tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol u organizzazzjoni tax-xogħol favorevoli għall-ħajja tal-familja. Il-Kunsill Ewropew jistenna bil-ħerqa d-diskussjoni dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-flessigurtà, li għandha tkun strumentali fit-tħejjija għal firxa ta' possibbiltajiet ta' flessigurtà differenti sabiex tinstab it-taħlita ġusta ta' linji politiċi mfassla għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol inkluża parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol miżjuda. Approċċ rinforzat għal matul il-ħajja għax-xogħol huwa wkoll meħtieġ biex jittejjeb l-aċċess għas-suq tax-xogħol kif ukoll jippromwovi ħajja tax-xogħol itwal u l-mobbiltà professjonali matul il-ħajja.

19. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali fl-Unjoni kollha u jissottolinja r-rwol ċentrali ta' l-imsieħba soċjali. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza tad-dimensjoni soċjali ta' l-UE. F'dan il-kuntest huwa jfakkar fid-dispożizzjonijiet soċjali tat-Trattat, b'mod partikolari r-rabta tiegħu mal-promozzjoni ta' l-impieg u t-titjib fil-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, sabiex jagħmlu possibbli l-armonizzazzjoni tagħhom waqt li jitkompla t-titjib. Sabiex jiżgura l-appoġġ kontinwu għall-integrazzjoni Ewropea miċ-ċittadini Ewropej, huwa jisħaq li għandu jittieħed aktar kont ta' l-oġettivi soċjali komuni ta' l-Istati Membri fl-aġenda ta' Lisbona. F'dan il-kuntest il-Kunsill Ewropew jilqa' r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi u r-Rapport Konġunt dwar il-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali. Sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali, il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa li ssir ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, speċjalment il-faqar fit-tfal, u sabiex it-tfal jingħataw kollha opportunitajiet indaqs. Għandha tingħata aktar attenzjoni lill-inklużjoni attiva jiġifieri biex ikunu żgurati livelli adegwati ta' riżorsi minimi għal kulħadd, ibbilanċjati billi x-xogħol iħallas. Ir-rapport tal-Kummissjoni biex jittieħed kont tar-realtà soċjali għandu jipprovdi informazzjoni ulterjuri għal diskussjonijiet dwar kwistjonijiet soċjali.
20. Il-bidla demografika tikkonfronta lill-Istati Membri b'sett kumpless ta' sfidi relatati ma' xulxin. L-istabbiliment ta' "Alleanza għall-Familji" ser isservi bħala pjattaforma għall-iskambju ta' fehmiet u għarfien bejn l-Istati Membri kemm dwar politika favorevoli għall-ħajja tal-familja kif ukoll dwar Prattika Tajba. L-Istati Membri ser ikomplu jiżviluppaw ulterjorment linji politiċi li jippromwovu l-opportunitajiet indaqs bejn l-irġiel u n-nisa, kif ukoll ir-rwol taż-żgħażaġħ, inkluża t-transizzjoni tagħhom mill-iskola għall-ħajja tax-xogħol, tal-persuni kbar fl-età u dawk b'ħiliet baxxi bħala parteċipanti attivi fl-ekonomija u s-suq tax-xogħol, bil-għan li jintuża l-potenzjal sħiħ tagħhom b'kontribut għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tas-soċjetajiet tagħna.

II. Regolamentazzjoni Aħjar

21. Ir-Regolamentazzjoni Aħjar tibqa' strument importanti li jikkontribwixxu għall-politika għat-tisħiħ tal-kompetittività u l-appoġġ tat-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi. Il-Kunsill Ewropew jisħaq li l-2006 rat progress tajjeb lejn it-titjib ta' l-ambjent regolatorju u jilqa' l-Programm ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għat-Tnaqqis tat-Toqol Amministrattiv fl-UE. Huwa jissottolinja li huma meħtieġa aktar sforzi sabiex ikunu konsolidati u jitkomplew l-kisbiet sa issa.
22. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex regolarment taġġorna l-**programm ta' semplifikazzjoni** tagħha. Huwa jenfasizza kemm hu importanti li jinkisbu riżultati konkreti f'dan il-qasam filwaqt li ma jiġux kompromessi l-miri politiċi ta' regolamentazzjoni u jiġi rispettat l-acquis communautaire, u jitlob lill-Kunsill jagħti attenzjoni partikolari lil proposti ta' semplifikazzjoni li huwa jikkonsidra li huma prijoritajiet.
23. Progress sostanzjali nkiseb fil-qasam tal-**leġislazzjoni aħjar**. L-evalwazzjoni tas-sistema ta' valutazzjoni ta' l-impatt tal-Kummissjoni ser tgħin biex jiġi identifikat titjib ulterjuri, inkluż permezz tal-konsiderazzjoni mtejbja ta' aspetti rilevanti għall-kompetittività esterna bħala parti mill-pilastru ta' l-impatt ekonomiku. Bil-ħsieb li tiġi mtejbja aktar il-kwalità tas-sistema ta' valutazzjoni ta' l-impatt, il-Kunsill Ewropew jara l-istabbiliment ta' "Bord ta' Valutazzjoni ta' l-Impatt" mill-Kummissjoni bħala pass importanti. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa li l-Kunsill u l-Parlament Ewropew jagħmlu użu akbar mill-valutazzjonijiet ta' l-impatt. Fir-rebbiegħa 2008, il-Kunsill Ewropew ser jikkonsidra, abbażi ta' reviżjoni mill-Kummissjoni, jekk hemmx hix meħtieġa azzjoni ulterjuri, b'kont meħud tal-possibiltajiet differenti, inkluż grupp ta' esperti indipendenti biex joffri konsulenza lill-istituzzjonijiet dwar il-ħidma tagħhom lejn Regolamentazzjoni Aħjar.

24. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja li **t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi** huwa miżura importanti biex tingħata spinta pożittiva lill-ekonomija ta' l-Ewropa, speċjalment permezz ta' l-impatt tiegħu fuq l-SMEs. Sforz konġunt b'saħħtu biex jitnaqqsu b'mod sinifikattiv il-piżijiet amministrattivi fi ħdan l-UE huwa meħtieġ. Il-Kunsill Ewropew għalhekk jaqbel li l-piżijiet amministrattivi li jirriżultaw mil-leġislazzjoni ta' l-UE għandhom jitnaqqsu b'25% sa l-2012. B'kont meħud tal-punti ta' tluq differenti u tat-tradizzjonijiet differenti l-Kunsill Ewropew jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu l-miri nazzjonali proprji tagħhom ta' ambizzjoni komparabbli fi ħdan l-isferi ta' kompetenza tagħhom sa l-2008.
25. Il-Kunsill Ewropew għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni tniedi l-Programm ta' Azzjoni għat-Tnaqqis tal-Piżijiet Amministrattivi bl-assistenza ta' l-Istati Membri, jaqbel li t-tkejjil ta' l-ispejjeż amministrattivi tal-leġislazzjoni Komunitarja għandu jibda fl-oqsma prijoritarji proposti mill-Kummissjoni, u jappella lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex jagħtu prijorità speċjali lill-miżuri għal azzjoni immedjata mniżżla fil-programm ta' azzjoni, ladarba l-Kummissjoni tkun għamlet il-proposti korrispondenti, bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tagħhom kemm jista' jkun malajr fl-2007. Huwa jappoġġa l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi, bħala proġett pilota, kumitat ta' esperti indipendenti biex jassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar it-Tnaqqis tal-Piż Amministrattiv.
26. Il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Kunsill jirrevedi l-progress dwar l-aspetti kollha ta' Regolamentazzjoni Aħjar fuq bażi annwali.

III. Politika integrata dwar il-klima u l-enerġija

27. L-isfidi tal-bidla fil-klima jeħtieġu li jiġu ffaċċjati effettivament u urġentement. Studji reċenti dwar dan is-suġġett ikkontribwew għall-kuxjenza dejjem tikber u għal tagħrif tal-konsegwenzi fit-tul, inkluż il-konsegwenzi għall-iżvilupp ekonomiku globali, u enfasizzaw il-ħtieġa għal azzjoni deċisiva u immedjata. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza vitali li jintlaħaq objettiv strateġiku tal-limitar taż-żjieda tat-temperatura globali medja b'mhux aktar minn 2°C 'il fuq mil-livelli pre-industrijali.

28. Meta jitqies li l-produzzjoni ta' l-enerġija u l-użu tas-sorsi ewlenin għal emissjonijiet ta' gass b'effett serra, huwa meħtieġ approçè integrat għall-politika dwar il-klima u l-enerġija biex ikun realizzat dan l-oġġettiv. L-integrazzjoni għandha tinkiseb b'mod ta' appoġġ reçiproku. Waqt li jinżamm dan preżenti, il-Politika ta' l-Enerġija għall-Ewropa (PEE), ser issegwi t-tliet oġġettivi li ġejjin, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ l-għażla ta' l-Istati Membri tat-taħlita ta' l-enerġija u s-sovranità fuq is-sorsi primarji ta' l-enerġija b'sostenn minn spirtu ta' solidarjeta' fost l-Istati Membri:
- tiżdied is-sigurtà tal-provvista;
 - żgurar tal-kompetittività ta' l-ekonomiji Ewropej u d-disponibbiltà ta' enerġija bi prezz li jista' jintlaħaq;
 - promozzjoni tas-sostenibbiltà ambjentali u ġlieda kontra l-bidla fil-klima.

Protezzjoni tal-klima

29. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja r-rwol ewleini ta' l-UE fil-protezzjoni internazzjonali tal-klima. Huwa jişhaq li l-azzjoni kollettiva internazzjonali ser tkun kritika biex tmexxi risposta effettiva, effiçjenti u ekwitabbli fuq l-iskala meħtieġa biex ikunu ffaççjati l-isfidi tal-bidla fil-klima. Għal dan il-għan jeħtieġ li jinbdew negozjati fuq ftehim globali u komprensiv post-2012, li għandu jibni fuq u jwessa' l-arkitettura tal-Protokoll ta' Kjoto u jipprovdi qafas ġust u flessibbli għal-parteeipazzjoni l-aktar wiesgħa, fil-konferenza annwali dwar il-klima tan-NU li tibda fl-aħħar ta' l-2007 u li dawn jitlestew sa l-2009. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jendorsja l-elementi identifikati mill-Kunsill (Ambjent) ta' l-20 ta' Frar 2007 bħala partijiet essenżjali ta' qafas effettiv u xieraq lil hinn mill-2012, li jinkludu inter alia l-iżvilupp ta' viżjoni kondiviża biex jintlaħaq l-oġġettiv aħħari tal-Konvenzjoni Kwadru tan-NU dwar il-Bidla fil-Klima, it-tişiħ u l-estensjoni tas-swieq globali tal-karbonju, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u t-trasferiment tat-teknoloġija meħtieġa biex jitnaqqsu l-emissjonijiet, miżuri ta' adattament adegwati biex jittrattaw l-effetti tal-bidla fil-klima, azzjoni dwar id-deforestazzjoni u l-indirizzar ta' l-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali u t-trasport marittimu. Il-pajjiżi kollha għandhom jiġu mistiedna jikkontribwixxu għall-isforzi taħt dan il-qafas skond ir-responsabbiltajiet differenzjati u l-kapaçitajiet rispettivi tagħhom.

30. Il-Kunsill Ewropew jirriafferma li l-impenji assoluti għal tnaqqis fl-emissjonijiet huma s-sinsla tas-suq globali fil-karbonju. Il-pajjiżi żviluppati għandhom ikomplu jmessu billi jimpenjaw ruħhom li kollettivament inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet b'effett serra sa 30 % sa l-2020 meta mqabbla ma' l-1990. Għandhom jagħmlu dan ukoll bil-ħsieb li kollettivament inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom b'60 % sa 80 % sa l-2050 meta mqabbla ma' l-1990.
31. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jendorsjaw objettiv ta' l-UE ta' tnaqqis ta' 30 % fl-emissjonijiet tal-gass b'effett serra sa l-2020 meta mqabbla ma' l-1990 bħala l-kontribut tagħha għal qbil globali u komprensiv għall-perijodu lil hinn mill-2012, sakemm pajjiżi żviluppati oħrajn jikkommettu ruħhom għal tnaqqis komparabbli fl-emissjonijiet u pajjiżi li qed jiżviluppaw aktar avvanzati ekonomikament li jikkontribwixxu adegwatament skond ir-responsabbiltajiet tagħhom u l-kapaċitajiet rispettivi tagħhom. Huwa jistieden lil dawn il-pajjiżi biex iressqu proposti għall-kontributi tagħhom għal qbil post-2012.
32. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza li l-UE hija impenjata li tittrasforma lill-Ewropa f'ekonomija effiċjenti ħafna fl-enerġija u b'emissjonijiet tal-gass b'effett serra baxxi u tiddeċiedi li, sakemm ikun konkluż qbil globali u komprensiv post-2012, u mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tagħha fin-negozjati internazzjonali, l-UE tagħmel impenn sod indipendenti biex tilħaq ta' l-inqas 20 % ta' riduzzjoni fl-emissjonijiet tal-gass b'effett serra sa l-2020 meta mqabbla ma' l-1990.
33. Il-Kunsill Ewropew jiddeċiedi li approċċ diffrenzjat għall-kontribuzzjoni ta' l-Istati Membri huwa meħtieġ li jirrifletti l-ġustizzja u t-trasparenza kif ukoll jieħu kont taċ-ċirkostanzi nazzjonali u s-snin bażi rilevanti għall-ewwel perijodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto. Huwa jirrikonoxxi li l-implimentazzjoni ta' dawn il-miri ser tkun ibbażata fuq il-linji politiċi Komunitarji u fuq kondivizzjoni intern maqbul tal-piż u jistieden lill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, biex tibda immedjatament analiżi teknika ta-kriterji, inklużi l-parametri soċjo-ekonomiċi u parametri oħrajn rilevanti u komparabbli, biex tiffirma bażi għal aktar diskussjoni fil-fond. Minħabba l-importanza kbira tas-settur li jikkonsma ħafna enerġija, il-Kunsill Ewropew jenfasizza li huma meħtieġa miżuri kost-effettivi biex jitjiebu kemm il-kompetittività kif ukoll l-impatt ambjentali ta' tali industrij Ewropej.

34. Il-Kunsill Ewropew jinnota l-parti dejjem tikber ta' emissjonijiet tal-gass b'effett serra minn pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-ħtieġa għal dawn il-pajjiżi li jindirizzaw dawn l-emissjonijiet billi jnaqqsu l-intensità ta' l-emissjonijiet ta' l-iżvilupp ekonomiku tagħhom, f'konformità mal-prinċipju ġenerali ta' responsabbiltajiet komuni iżda differenzjati u l-kapaċitajiet rispettivi. Il-Kunsill Ewropew huwa lest li jkompli u jsaħħaħ aktar l-appoġġ tiegħu għal pajjiżi li qed jiżviluppaw fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltà tagħhom u fl-adattament tal-bidla fil-klima.
35. Meta jkun ikkunsidrat ir-rwol ċentrali ta' l-iskambju fl-emissjonijiet fl-istrateġija għat-tul ta' l-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gass b'effett serra, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-Iskema ta' l-UE ta' l-iskambju ta' l-Emissjonijiet f'waqtha bil-ħsieb li tiżdied it-trasparenza u jissaħħaħ u jitwessa' l-kamp ta' l-applikazzjoni ta' l-iskema u biex tikkonsidra, bħala parti mir-reviżjoni ta' l-ETS ta' l-UE, estensjoni possibbli tal-kamp ta' l-applikazzjoni tagħha għall-użu ta' l-art, il-bidla fl-użu ta' l-art u l-foresterija u t-trasport fuq il-wiċċ.
- Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa ta' politika Ewropea tat-trasport effiċjenti, sigura u sostenibbli. F'dan il-kuntest, huwa importanti li jkun hemm tkomplija b'azzjonijiet biex tiżdied il-prestazzjoni ambjentali tas-sistema Ewropea tat-trasport. Il-Kunsill Ewropew jinnota l-ħidma kontinwa tal-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-valutazzjoni ta' l-ispejjeż esterni tat-trasport u l-internalizzazzjoni tagħhom.

Politika dwar l-Enerġija

36. It-tisħin globali, flimkien mal-ħtieġa li tkun żgurata s-sigurtà tal-provvista u tissaħħaħ il-kompetittività fin-negozju, jagħmluha dejjem aktar vitali u pressanti għall-UE li twaqqaf politika integrata dwar l-enerġija li tikkombina azzjoni fil-livell Ewropew u ta' l-Istati Membri. Bħala ġrajja importanti fil-ħolqien ta' Politika ta' l-Enerġija għall-Ewropa (PEE) u mezz ta' promozzjoni għal aktar azzjoni, il-Kunsill Ewropew jadotta Pjan ta' Azzjoni komprensiv dwar l-enerġija għall-perijodu 2007-2009 (Anness I), ibbażat fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa". Il-Kunsill Ewropew jinnota li l-għażla ta' l-Istati Membri tat-taħlita ta' enerġija jista' jkollha effetti fuq is-sitwazzjoni ta' l-enerġija fi Stati Membri oħrajn, b'mod partikolari fuq il-kapaċità ta' l-Unjoni li tikseb it-tliet objettivi tal-PEE.

37. Il-Pjan ta' Azzjoni jniżżel il-mod li bih jistgħu jiksbu progress sinifikanti fl-operazzjoni effiċjenti u t-tkomplija tas-suq intern ta' l-UE għall-gass u l-elettriċità u suq aktar interkonness u integrat. Huwa jipprevedi n-nomina ta' koordinaturi ta' l-UE għal erba' proġetti prijoritajri ta' interess Ewropew. Huwa jindirizza wkoll il-kwistjoni kruċjali tas-sigurtà fil-forniment ta' l-enerġija u r-risposta għal kriżijiet potenzjali. Rigward is-sigurtà tal-provvista l-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza li jsir użu sħiħ ta' l-istrumenti disponibbli biex titjieb il-kooperazzjoni bilaterali ta' l-UE mal-fornituri kollha u jiġu żgurati flussi ta' l-enerġija affidabbli lejn l-Unjoni. Huwa jiżviluppa orjentazzjonijiet ċari għal politika Ewropea internazzjonali effikaċi għall-enerġija li titkellem b'vuċi waħda. Huwa jiffissa miri kwantifikati ambizzjużi dwar l-effiċjenza fl-enerġija, l-enerġiji rinnovabbli u l-użu tal-bijokarburanti u jsejjaħ għal pjan Strateġiku Ewropew dwar it-Teknoloġija għall-Enerġija, inkluż Akkwiżizzjoni u Iżolament tal-Karbonju ambjentalment żgur, li ser ikunu eżaminati fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ta' l-2008.
38. Il-Kunsill Ewropew isejjaħ lill-partijiet kollha kkonċernati biex ikomplu malajr u b'determinazzjoni sabiex jimplimentaw l-elementi kollha li jinsabu fil-Pjan ta' Azzjoni b'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-kondizzjonijiet tiegħu. B'mod partikolari, huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-proposti meħtieġa fil-Pjan ta' azzjoni kemm jista' jkun malajr.

Segwitu

39. Fid-dawl ta' l-approċċ integrat għall-politika dwar il-klima u l-enerġija l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Enerġija ser jinżamm taħt reviżjoni kontinwa fil-kuntest ta' l-eżami annwali mill-Kunsill Ewropew tal-progress magħmul u r-risultati miksuba fl-implimentazzjoni tal-linji politiċi ta' l-UE dwar l-enerġija u l-bidla klimatika. Il-Kummissjoni hija mistiedna biex tressaq Reviżjoni Strateġika dwar l-Enerġija aġġornata kmieni fl-2009, li sservi bħala l-bażi għall-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Enerġija ġdid mill-2010 'l quddiem li għandu jiġi adottat mill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2010.

IV. Relazzjonijiet internazzjonali

40. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-importanza strateġika tas-Summit UE-Afrika li ser issir fit-tieni nofs l-2007. Huwa jesprimi l-gratitudni tiegħu lill-Presidenza Portugiża li jmiss għar-rieda tagħha li tospita dan is-Summit f'Lisbona f'Diċembru 2007.
41. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-fatt li ntlaħaq ftehim f'Mekka fit-8 ta' Frar dwar il-formazzjoni ta' gvern ta' unità nazzjonali Palestinjan. Huwa jesprimi l-apprezzament tiegħu għar-rwol ta' l-Għarabja Sawdija u tal-mexxejja Għarab fir-realizzazzjoni tar-rikonċiljazzjoni Palestinjana. L-UE hija lesta taħdem ma' gvern Palestinjan leġittimu li jadotta pjattaforma li tirrefletti l-prinċipji tal-Kwartett. Huwa jinkoraġixxi lill-Kwartett biex ikompli l-kontribut attiv tiegħu għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani.
42. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fid-determinazzjoni tiegħu biex jirrinforza s-sovranià, l-integrità territorjali u l-indipendenza tal-Libanu. Huwa jafferma mill-ġdid is-sejħa tiegħu għal implimentazzjoni sħiħa u rapida tar-risoluzzjoni 1701 u tar-Risoluzzjonijiet l-oħrajn kollha rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà. Huwa jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-istabbiliment ta' Tribunal Speċjali għal-Libanu skond ir-Risoluzzjoni 1664 tal-Kunsill tas-Sigurtà, u jhegġegħ lill-membri kollha tal-komunità internazzjonali biex jagħtu l-appoġġ tagħhom. Huwa jfaħħar l-isforzi kostruttivi kollha ta' medjazzjoni internazzjonali, b'mod partikolari dawk tas-SĠ tal-Lega Għarbija u ta' l-Għarabja Sawdija, li jimmiraw għal soluzzjoni tal-kriżi politika attwali fil-pajjiż. Huwa jissottolinja l-ħtieġa li jiġu implimentati l-impenji meħudin fil-konferenza internazzjonali "Pariġi III".

PJAN TA' AZZZJONI TAL-KUNSILL EWROPEW (2007-2009)

POLITIKA DWAR L-ENERĠIJA GĦALL-EWROPA (PEE)

Il-Pjan ta' Azzjoni jinkludi l-azzjonijiet prijoritarji li ġejjin, li wħud minnhom jistgħu jikkontribwixxu għal aktar minn wieħed mit-tliet objettivi tal-PEE. Il-miżuri ġodda għandhom jieħdu kont il-prinċipji ta' regolazzjoni aħjar, notevolment rigward il-valutazzjonijiet ta' impatt.

I. Suq Intern għall-Gass u l-Elettriku

1. B'nota meħuda tar-rapport tal-Kummissjoni dwar is-suq intern u r-rapport finali wara l-istħarriġ tas-settur dwar is-swieq tal-gass u l-elettriku, bil-għan li tiżdied il-kompetizzjoni, tkun żgurata regolamentazzjoni effettiva u jkun inkoraġġut l-investiment għall-benefiċċju tal-konsumaturi, il-Kunsill Ewropew:
 - jafferma mill-ġdid li biex jintlaħaq dan il-għan l-ewwel pass, li huwa impenjat għalih, huwa li tkun żgurata implimentazzjoni fil-ħin u sħiħa tal-forma u l-ispirtu tal-leġislazzjoni eżistenti tas-Suq Intern marbuta mal-ftuħ tas-swieq tal-gass u l-elettriku, għaliex suq intern ta' l-enerġija mifrux ma' l-Ewropa kollha verament kompetittiv, interkonness u uniku li jkollu benefiċċji maġġuri fuq il-kompetittività u l-konsumaturi ta' l-UE kif ukoll iżid is-sigurtà tal-provvista għadu ma ntlaħaqx;
 - jinnota l-interazzjoni bejn id-deċiżjonijiet ta' investiment u l-iżvilupp tal-qafas regolatorju, u għalhekk huwa ta' l-opinjoni li miżuri futuri li jaffettwaw is-suq intern għandhom jitfasslu u jkunu implimentati b'mod li jipprovdu qafas pożittiv għal investiment tant meħtieġ;
 - b'kont meħud tal-karatteristiċi tas-setturi tal-gass u ta' l-elettriku u ta' swieq nazzjonali u reġjonali, jaqbel dwar il-ħtieġa għal:
 - separazzjoni effettiva ta' l-attivitajiet ta' provvista u produzzjoni mill-operazzjonijiet ta' netwerk (separazzjoni), abbażi ta' sistemi ta' operazzjoni ta' netwerk imħaddmin b'mod indipendenti u rregolati b'mod adegwat, li jiggarantixxu aċċess ugwali u miftuħ għall-infrastrutturi tat-transport u indipendenza fid-deċiżjonijiet dwar investiment fl-infrastruttura;
 - aktar armonizzazzjoni tas-setgħat u tisħiħ ta' l-indipendenza tar-regolaturi nazzjonali ta' l-enerġija;

- l-istabbiliment ta' mekkaniżmu indipendenti għal regolaturi nazzjonali biex jikkooperaw u jieħdu deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet transkonfini importanti;
- il-ħolqien ta' mekkaniżmu Komunitarju ġdid għal Operaturi ta' Sistema tat-Trasmissjoni biex itejbu l-kooordinazzjoni tal-funzjonament tan-network u s-sigurtà tal-grid, waqt li jibnu fuq prattiċi ta' kooperazzjoni eżistenti;
- sistema aktar effiċjenti u integrata għal kummerċ ta' l-elettriku u l-funzjonament tal-grid transkonfini, inkluża elaborazzjoni ta' standards tekniċi;
- it-tisħiħ tal-kompetizzjoni u s-sigurtà tal-provvista permezz ta' integrazzjoni faċilitata ta' impjanti ġodda ta' l-enerġija fil-grid elettrika fl-Istati Membri kollha, b'mod partikolari bl-inkoraġġiment ta' entranti ġodda fis-suq;
- sinjali rilevanti ta' investiment li jikkontribwixxu għall-funzjonament effiċjenti u aktar sigur tal-grid tat-trasmissjoni;
- aktar trasparenza f'operazzjonijiet tas-suq ta' l-enerġija;
- protezzjoni aħjar tal-konsumatur, p. eż. permezz ta' l-iżvilupp tal-Karta tal-Konsumaturi ta' l-Enerġija.

Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni:

- biex tipprovdi kjarifiki addizzjonali marbuta mal-miżuri ewlenin previsti u l-impatti tagħhom fil-ħin għall-Kunsill ta' Ġunju (Enerġija);
- biex telabora flimkien ma' l-Istati Membri l-previżjonijiet għall-perijodu medju u fit-tul tal-provvista u d-domanda għall-gass u l-elettriku, u biex tidentifika l-investiment addizzjonali meħtieġ biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet strateġiċi ta' l-UE;
- biex tivvaluta l-impatt ta' kumpanniji ta' l-enerġija integrati vertikalment minn pajjiżi terzi fuq is-suq intern u kif jiġi implimentat il-prinċipju ta' reċiproċità;
- biex tivvaluta l-aċċess għall-ħażna tal-gass fl-UE.

Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposti rilevanti, inkluż permezz ta' l-iżvilupp tal-leġislazzjoni eżistenti, fejn dan ikun possibbli.

2. Waqt li jafferma mill-ġdid il-ħtieġa għal skambju reġjonali transkonfini mtejjeb u għall-aċċelerazzjoni ta' l-iżvilupp tal-kooperazzjoni reġjonali fl-enerġija waqt li jiġu indirizzati l-isfidi ta' swieq ta' l-enerġija periferiċi u tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni ta' dawk reġjonali fis-suq intern ta' l-UE u l-iżvilupp ulterjuri tiegħu, notevolment permezz ta' l-interkonnnessjoni, b'kont meħud ta' l-integrazzjoni ta' enerġiji rinnovabbli fuq u 'l barra mill-kosta, il-Kunsill Ewropew:

- jilqa', bħala l-ewwel pass, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li taħtar fejn meħtieġ, skond l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni 1364/2006/KE, koordinaturi Ewropej biex jaċċelleraw il-proġetti prijoritarji l-aktar kritiċi ta' interess Ewropew¹ ; huwa jinnota, madankollu, li huma meħtieġa proġetti ġodda sabiex tinkiseb interkonnessjoni adegwata b'mod partikolari ta' swieq iżolati u jitlob lill-Istati Membri kkonċernati biex jiksbu mill-inqas 10 % tal-kapaċità ta' interkonnessjoni ta' l-elettriku u l-gass sa l-2010. Għal dan l-għan, l-Istati Membri kkonċernati għandhom isaħħu l-kooperazzjoni bilaterali tagħhom, per eżempju billi jelaboraw linji gwida adegwati;
- jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti mmirati biex jirrazzjonalizzaw proċeduri ta' approvazzjoni.

II. Sigurtà tal-Provvista

3. Sabiex jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista fl-ispirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri notevolment fil-każ ta' kriżi fil-provvista ta' l-enerġija, il-Kunsill Ewropew:

- jissottolinja l-ħtieġa li tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista għall-UE globalment kif ukoll għal kull Stat Membru permezz ta':
 - diversifikazzjoni effettiva tas-sorsi ta' l-enerġija u r-rotot tat-trasport, li jikkontribwixxu wkoll għal suq intern ta' l-enerġija aktar kompetittiv;
 - żvilupp ta' mekkaniżmi għal reazzjoni aktar effettiva għall-kriżijiet, abbażi ta' kooperazzjoni reċiproka u bbażata notevolment fuq il-mekkaniżmi eżistenti, b'kont meħud ta' firxa wiesgħa ta' alternattivi wara valutazzjoni bir-reqqa tal-mezzi eżistenti, b'kont meħud tar-responsabbiltà primarja ta' l-Istati Membri rigward id-domanda domestika tagħhom, u bl-użu xieraq tal-kapaċità ta' twissija pprovduta min-netwerk tal-korrispondenti għas-sigurtà fl-enerġija;
 - titjib fit-trasparenza tad-data dwar iż-żejt u reviżjoni ta' l-infrastrutturi tal-provvista taż-żejt u mekkaniżmi tal-ħażniet taż-żejt ta' l-UE, komplementarji għall-mekkaniżmu għall-kriżijiet ta' l-IEA, speċjalment rigward id-disponibbiltà fil-każ ta' kriżi;
 - analiżi kompleta tad-disponibbiltà u l-ispejjeż ta' faċilitajiet għall-ħażna tal-gass fl-UE;
 - valutazzjoni ta' l-impatt ta' importazzjonijiet ta' l-enerġija attwali u potenzjali u l-kondizzjonijiet ta' networks relatati tas-sigurtà tal-provvista ta' kull Stat Membru;
 - stabbiliment ta' Osservatorju ta' l-Enerġija fi ħdan il-Kummissjoni.

¹ Proġetti prijoritarji ta' interess Ewropew huma elenkati fid-Deċiżjoni 1364/2006/KE tal-PE u tal-Kunsill. Rigward il-koordinaturi u mingħajr preġudizzju għal aktar ħatriet, il-Kunsill jinnota li fil-Komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tipprevedi l-proġetti li ġejjin: il-Konnessjoni-Enerġetika bejn il-Ġermanja, il-Polonja u l-Litwanja; konnessjonijiet ta' enerġija tar-riħ 'il barra mill-kosta fit-Tramuntana ta' l-Ewropa; konnessjonijiet ta' l-elettriku bejn Franza u Spanja; u n-Nabucco pipeline, li jgħorr il-gass mill-Baħar Kaspju lejn l-Ewropa ċentrali.

III. Politika Internazzjonali dwar l-Enerġija

4. L-iżvilupp ta' approċċ komuni għall-politika esterna dwar l-enerġija għandu jitgħaġġel, u jinvolvi djalogi u sħubiji bejn il-konsumaturi u l-produtturi kif ukoll bejn l-istess konsumaturi u bejn il-konsumaturi u l-pajjiżi ta' transitu, inkluż permezz ta' organizzazzjonijiet bħall-OPEC. Għal dak il-għan, il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-punti li ġejjin bħala elementi essenzjali fl-iżvilupp ulterjuri tal-vuċi waħda ta' l-UE f'appoġġ għat-tliet objettivi tal-politika dwar l-enerġija:

- negozjar u finalizzazzjoni ta' ftehim ta' post-sħubija u kooperazzjoni mar-Russja partikolarment marbut ma' kwistjonijiet ta' l-enerġija¹;
- intensifikar tar-relazzjoni ta' l-UE ma' l-Asja Ċentrali, ir-reġjuni tal-Baħar Kaspju u l-Baħar l-Iswed, bil-ħsieb ta' diversifikazzjoni akbar tas-sorsi u r-rotot;
- tisħiħ tal-bini ta' sħubija u kooperazzjoni dwar id-djalogi bilaterali dwar l-enerġija ma' l-Istati Uniti kif ukoll maċ-Ċina, l-Indja, il-Brażil u ekonomiji emerġenti oħrajn, b'iffokar fuq it-tnaqqis tal-GHG, l-effiċjenzja fl-enerġija, is-sorsi rinnovabbli u teknoloġiji ta' l-enerġija b'emissjonijiet baxxi, notevolment is-CCS;
- żgurar ta' l-implimentazzjoni tat-Trattat Komunitarju dwar l-Enerġija, bil-ħsieb ta' aktar żvilupp tiegħu u l-estensjoni possibbli għan-Norveġja, it-Turkija, l-Ukraina u l-Moldova;
- b'użu sħiħ ta' l-istrumenti disponibbli taħt il-Politika Ewropea dwar il-Viċinat;
- tisħiħ tar-relazzjonijiet dwar l-enerġija ma' l-Alġerija u l-Eġittu u pajjiżi produtturi oħra fir-reġjun tal-Mashreq/Magħreb²;
- bini ta' djalogu speċjali mal-pajjiżi Afrikani dwar l-enerġija u l-użu ta' l-istrumenti Komunitarji biex jissaħħu partikolarment l-enerġiji rinnovabbli deċentralizzati u ġeneralment l-aċċessibbiltà u s-sostenibbiltà f'dan ir-reġjun, kif ukoll l-infrastruttura ta' l-enerġija ta' interess komuni;
- promozzjoni ta' aċċess għall-enerġija fil-kuntest tal-UN-CSD.

¹ Din il-formulazzjoni hija mingħajr preġudizzju għad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar il-mandat ta' negozjar għall-ftehim post-FSC.

² Billi jinżammu preżenti l-konklużjonijiet tal-KAĠRE tat-22 ta' Jannar 2007 (dok.

IV. *Effiċjenza ta' l-enerġija u enerġiji rinnovabbli*

5. Il-Kunsill Ewropew huwa konxju tat-talba dejjem tikber għall-enerġija u l-prezzijiet ta' l-enerġija dejjem jogħlew kif ukoll tal-benefiċċji ta' azzjoni internazzjonali komuni b'saħħitha u bikrija dwar il-bidla fil-klima, huwa kunfidenti li żvilupp sostantiv ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija u ta' l-enerġiji rinnovabbli ser isaħħaħ is-sigurtà ta' l-enerġija, irażżan iż-żieda pproġettata fil-prezzijiet ta' l-enerġija u jnaqqas l-emissjonijiet ta' gass serra f'konformità ma' l-ambizzjonijiet ta' l-UE għall-perijodu lil hinn mill-2012, u jissottolinja li l-oġettiv ta' ffrankar ta' l-enerġija u l-miri għas-sorsi rinnovabbli u għall-bijokarburanti msemmija hawn isfel għandhom jintlaħqu bil-ħsieb li jinqasmu l-isforzi u l-benefiċċji b'ġustizzja u ekwità fost l-Istati Membri kollha, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi nazzjonali differenti, il-punti tat-tluq u l-potenzjali.
6. F'dak id-dawl, il-Kunsill Ewropew:
- jisħaq fuq il-ħtieġa li tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija fl-UE biex jinkiseb l-oġettiv ta' ffrankar ta' 20 % tal-konsum ta' l-enerġija ta' l-UE meta mqabbel ma' projezzjonijiet għall-2020, kif stmat mill-Kummissjoni fil-Green Paper tagħha dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija, u biex jagħmlu użu tajjeb mill-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija għal dan il-għan;
 - isejjaħ għal implimentazzjoni kompleta u rapida tal-ħames prijoritajiet ewlenin ambizzjużi kif sottolinjat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2006¹ dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija tal-Kummissjoni, rigward trasport effiċjenti fl-enerġija, ħtiġiet minimi ta' effiċjenza dinamiċi għal tagħmir li juża l-enerġija, imġiba effiċjenti fl-enerġija u li tiffranka l-enerġija mill-konsumaturi ta' l-enerġija, teknoloġija u innovazzjonijiet ta' l-enerġija u l-iffrankar ta' l-enerġija mill-bini;
 - jistieden lill-Kummissjoni biex tissottometti malajr proposti biex ikunu jistgħu jiġu adottati l-ħtiġiet akbar ta' l-effiċjenza fl-enerġija għad-dwal l-uffiċċji u fit-toroq sa l-2008 u daww dwar lampi inkandexxenti u forom oħra ta' dawl fid-djar privati sa l-2009;
 - jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tressaq fl-2007 proposta għal ftehim internazzjonali ġdid dwar l-effiċjenza ta' l-enerġija sabiex jiġu żviluppati sforzi globali komuni li jippromwovu l-effiċjenza ta' l-enerġija, waqt li wieħed iżomm preżenti li tali ftehim għandu jkun komplementari għall-politika ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija ta' l-UE;
 - jappoġġa l-użu ta' negozjati internazzjonali biex jippromwovu metodi sostenibbli ta' produzzjoni u biex jippromwovu l-kummerċ internazzjonali f'oġġetti u servizzi effiċjenti mill-aspett ambjentali u ta' l-enerġija;
 - isejjaħ għal reviżjoni bikrija tal-linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna Statali għall-protezzjoni ambjentali u strumenti Komunitarji oħrajn rilevanti li jistgħu jipprovdu inċentivi, bl-għan li jsiru ta' appoġġ akbar għall-oġettivi Komunitarji dwar l-enerġija u l-bidla fil-klima.

¹ 15210/06.

7. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-impenn Komunitarju għat-tul għall-iżvilupp ma' l-UE kollha ta' enerġiji rinnovabbli lil hinn mill-2010, jissottolinja li t-tipi kollha ta' enerġiji rinnovabbli, meta użati b'mod kost-effettiv, jikkontribwixxu simultanjament għas-sigurtà tal-provvista, għall-kompetittività u għas-sostenibbiltà, u huwa konvint mill-importanza suprema li jingħata sinjal ċar lill-industrija, lill-investituri, lill-innovaturi u lir-riċerkaturi. Għal dawn ir-raġunijiet, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi individwali differenti, il-punti ta' tluq u l-potenzjalijiet, huwa jendorsja l-miri li ġejjin:
- mira li torbot ta' sehem ta' 20 % ta' l-enerġiji rinnovabbli fil-konsum globali ta' l-enerġija ta' l-UE sa l-2020;
 - mira minima vinkolanti ta' 10 % li għandha tinkiseb mill-Istati Membri kollha għas-sehem tal-bijokarburanti fil-konsum ġenerali tal-petrol u d-diesel għat-trasport ta' l-UE sa l-2020, li għandha tkun introdotta b'mod kost-effiċjenti. In-natura vinkolanti ta' din il-mira hija adatta dment li l-produzzjoni tkun sostenibbli, li l-bijokarburanti tat-tieni ġenerazzjoni jsiru disponibbli kummerċjalment u li d-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Karburanti tkun emendata kif xieraq biex tippermetti livelli adegwati ta' taħlit.

Mill-mira ġenerali għas-sorsi rinnovabbli, għandhom jinstabu miri ġenerali nazzjonali differenzjati bl-involviment sħiħ ta' l-Istati Membri waqt li titqies debitament allokazżjoni ġusta u adegwata b'kont meħud tal-punti ta' tluq u potenzjali nazzjonali differenti, inkluż il-livell eżistenti ta' enerġiji rinnovabbli u taħlita ta' enerġija (ara l-paragrafi 10 u 11), u soġġett għall-ilħuq tal-mira minima għall-bijokarburanti f'kull Stat Membru, waqt li titħalla fidejn l-Istati Membri d-deċiżjoni dwar miri nazzjonali għal kull settur speċifiku ta' l-enerġiji rinnovabbli (elettriku, tisħin u tkessiġ, bijokarburnati).

Sabiex jintlaħqu dawn il-miri, il-Kunsill Ewropew:

- isejjaħ għal qafas ġenerali koerenti għall-enerġiji rinnovabbli li jista' jkun stabbilit abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni fl-2007 għal direttiva komprensiva ġdida dwar l-użu tar-riżorsi kollha ta' l-enerġija rinnovabbli. Din il-proposta għandha tkun f'konformità ma' leġislazzjoni Komunitarja oħra u tista' tinkludi dispożizzjonijiet rigward:
 - = Miri nazzjonali ġenerali ta' l-Istati Membri;
 - = Pjanijiet Nazzjonali ta' Azzjoni li jinkludu miri u miżuri settorjali biex jintlaħqu; u
 - = kriterji u dispożizzjonijiet biex ikunu żgurati produzzjoni u użu sostenibbli tal-bjoenerġija u biex jiġu evitati konflitti bejn użi differenti tal-bijomassa.
- isejjaħ għal implimentazzjoni kompleta u rapida tal-miżuri enfasizzati fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2006¹ dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Bijomassa, notevolment rigward proġetti ta' dimostrazzjoni għal bijokarburanti tat-tieni ġenerazzjoni;

¹ 9669/06.

- jistieden lill-Kummissjoni biex tanalizza l-potenzjal ta' sinerġiji transkonfini u mxerrdin ma' l-Ewropa kollha u ta' interkonnnessjonijiet biex tintlaħaq il-mira ġenerali għall-enerġija rinnovabbli, u b'hekk tiġi indirizzata wkoll is-sitwazzjoni tal-pajjiżi u r-reġjuni ġeneralment iżolati mis-suq ta' l-enerġija ta' l-UE;
- jistieden lill-Kummissjoni biex taħdem ma' l-Istati Membri biex jiżviluppaw enerġiji rinnovabbli, per eżempju permezz ta' Forum usa' dwar l-enerġiji rinnovabbli u biex jippromwovu l-iskambju ta' l-aħjar prattika.

8. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja r-rwol ċentrali li l-iskambju ta' l-emissjonijiet għandu jkollu fl-għanijiet għat-tul tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-GHG, u jisħaq fuq l-importanza tar-reviżjoni mill-Kummissjoni ta' l-Iskema ta' l-UE ta' l-Iskambju ta' l-Emissjonijiet biex tirriżulta f'UE ETS mtejbja li tipprovdi mezz ibbażat fuq is-suq, u kost-effettiv biex it-tnaqqis fl-emissjonijiet jinkisbu bl-inqas spiża - inkluż rigward l-industriji b'konsum għoli ta' l-enerġija - u biex jagħmel kontribut maġġuri għall-miri ġenerali ta' l-UE.

V. Teknoloġiji ta' l-Enerġija

9. Waqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa biex tissaħħaħ ir-riċerka fl-enerġija partikolarment biex taċċellera l-kompetittività ta' enerġiji sostenibbli, notevolment sorsi rinnovabbli, u teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju u aktar żvilupp ta' teknoloġiji għall-effiċjenza fl-enerġija, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija ta' l-Enerġija waqt l-2007 għall-konsiderazzjoni l-aktar tard sal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ta' l-2008.

10. Konxju mill-benefiċċji globali enormi possibbli ta' użu sostenibbli tal-karburanti fossili, il-Kunsill Ewropew:

- jissottolinja l-importanza ta' titjib sostanzjali fl-effiċjenza tal-ġenerazzjoni u t-teknoloġiji tal-karburanti fossili nodfa;
- iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jaħdmu għat-tisħiħ tar-R & Ż u l-iżvilupp tal-qafas tekniku, ekonomiku u regolatorju meħtieġ biex il-qbid u s-sekwestru tal-karbonju ambjentalment siguri (CCS) jibdew jintużaw f'impjanti ta' l-enerġija ġodda bil-karburanti fossili, possibbilment sa l-2020;
- jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi mekkaniżmu biex tistimola l-konstruzzjoni u l-funzjonament sa l-2015 ta' mhux aktar minn 12-il impjant dimostrattiv ta' teknoloġiji sostenibbli ta' karburanti fossili sostenibbli fil-ġenerazzjoni kummerċjali ta' l-enerġija.

11. Waqt li jfakkar li l-PEE ser ikun jirrispetta bis-sħiħ l-għażla ta' l-Istati Membri għat-taħlita ta' l-enerġija, il-Kunsill Ewropew:
- jinnota l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-kontribut ta' l-enerġija nukleari f'li tilqa' t-tħassib dejjem akbar dwar is-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija u l-emissjonijiet tas-CO₂ filwaqt li tiġi żgurata li s-sigurtà u s-sikurezza nukleari huma ta' importanza fundamentali fil-proċess tat-tehd tad-deċiżjonijiet;
 - jikkonferma li kull Stat Membru jrid jiddeċiedi hu jekk joqgħodx jew le fuq l-enerġija nukleari u jisħaq li dan għandu jsir filwaqt li jittejbu aktar is-sigurtà nukleari u l-ġestjoni ta' l-iskart radjuattiv, u għal dak il-għan huwa:
jappoġġa R & Ż dwar il-ġestjoni ta' l-iskart, partikolarment taħt is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka;
jista' jipprevedi l-ħolqien ta' grupp ta' livell għoli dwar is-sigurtà nukleari u l-ġestjoni ta' l-iskart.
 - jissuġġerixxi li ssir diskussjoni wiesgħa fost il-partijiet interessati rilevanti kollha dwar l-opportunitajiet u r-riskji ta' l-enerġija nukleari.

LISTA TA' DOKUMENTI PPREŻENTATA LILL-KUNSILL EWROPEW

1. STRATEĠIJA TA' LISBONA GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa - L-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' Lisbona għat-tkabbir u l-impjiegi mġedda - "Sena ta' riżultati" (PARTI I/IV)

5074/07 + ADD 1 + ADD 2 + ADD 3 (en) [COM(2006) 816]

Rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aġġornament ta' l-2007 tal-linji gwida wiesa' għall-linji politiċi ekonomiċi ta' l-Istati Membri u l-Komunità u dwar l-implimentazzjoni tal-linji politiċi dwar l-impjiegi ta' l-Istati Membri

6881/07

Dokument dwar il-Kwistjonijiet Prinċipali mill-Kunsill (ECOFIN) lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2007

6862/07

Dokument dwar il-Kwistjonijiet Prinċipali (DKP) - Kontribut mill-Kunsill tal-Kompetittività lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2007

6560/07

Messaġġi prinċipali mill-EPSCO lill-Kunsill Ewropew

6705/07

Messaġġi prinċipali lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ

5625/07

Messaġġi prinċipali lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa fil-qasam tal-politika taż-żgħażaġh

5841/07

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontribut tas-settur tat-trasport lill-Istrateġija ta' Lisbona

5804/07

Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2006/2007

6706/07

Rapport Konġunt dwar il-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali 2007

6694/07 + ADD 1

Rapport mill-Kummissjoni dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, 2007

6205/07 [COM(2007) 49]

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: "Rendikont tar-Realta' Soċjali"
Rapport Interim lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2007
6855/07

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: "Suq uniku għaċ-ċittadini"
- Rapport Interim lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2007
6181/07 [COM(2007) 60]

2. REGOLAMENTAZZJONI AĦJAR

Reviżjoni strateġika ta' regolamentazzjoni aħjar fl-Unjoni Ewropea
15510/06 [COM(2006) 689]

Programm ta' Azzjoni għat-Tnaqqis tal-Piżijiet Amministrattivi fl-UE
5924/07 + ADD 1 + ADD 2 [COM(2007) 23]

Kontribut tal-Kunsill (ECOFIN) lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2007
- Konklużjonijiet tal-Kunsill
6874/07

3. POLITIKA DWAR IL-KLIMA U L-ENERĠIJA

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: "Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa"
5282/07 [COM(2007) 1]

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: "Nillimitaw il-Bidla fil-Klima Globali għal 2 gradi Celsius - Il-mixja 'l quddiem għall-2020 u lil hinn"
5422/07 + ADD 1 + ADD 2 [COM(2007) 2]

Kontribut tal-Kunsill (Enerġija) lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2007
- Konklużjonijiet tal-Kunsill
6453/07

Objettivi ta' l-UE għall-iżvilupp ulterjuri tar-reġim internazzjonali tal-klima lil hinn mill-2012
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (Ambjent)
6621/07

Dokument dwar il-Kwistjonijiet Prinċipali mill-Kunsill (Ambjent) lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2007
6629/07